11. Snajja' hi l-**plural** ta'
   a) sinsla.
   b) sinna.
   ċ) sengħa.
   d) sena.

12. Indika n-nom bi **pronom mehmuż**
   a) tagħna.
   b) bħali.
   ċ) sħabi.
   d) rnexxieli.

13. Il-kelma **XI** hija
   a) artiklu.
   b) nom.
   ċ) verb.
   d) partiċella.

14. L-**oppost** tal-kelma ŻEJJED huwa
   a) nieqes.
   b) ħafna.
   ċ) ftit.
   d) xejn.

15. Wieħed li jifhem fil-Liġi jissejjaħ
   a) monsinjur.
   b) qassis.
   ċ) avukat.
   d) tabib.

15 x 2 = 30 marka

**AQLEB IL-PAĠNA**



32. Mis-silta jidher li l-esperjenza tal-imħabba tar-rakkontatur kienet:
   a) ta' sodisfazzjoni.
   b) parti ewlenija mill-ħajja tiegħu li jgħożż.
   ċ) inbniet fuq ħolm li fir-realtà ma seħħx.
   d) ħallietlu memorji sbieħ.

33. L-espressjoni "daħka ħarrieka" turi li t-tfajla nordika kienet
   a) tħossha skomda bl-avvanzi tas-sieħeb tagħha.
   b) nebbiexa.
   ċ) qed tipprova tiġbed l-attenzjoni tal-barman.
   d) imbeżżgħa.

34. Liema kelma minn dawn hija aġġettiv superlattiv?
   a) itjeb.
   b) aħjar.
   ċ) l-iqsar.
   d) batut.

35. Fis-silta jidher li min qed jagħmel l-osservazzjonijiet huwa
   a) bniedem imġarrab.
   b) persuna ottimista.
   ċ) persuna li tħobb tixrob.
   d) persuna tħobb tkun taf fuq in-nies.

36. "forsi xi ħadd tamparu " hija frażi. Liema minn dawn li ġejjin hija frażi wkoll?
   a) Mar id-dar.
   b) Omm Lina hija mara sewwa.
   ċ) Tmurx tixrob u ssuq!
   d) fuq ix-xwiek.

37. Kelma oħra flok "benestant" hija
   a) xiħ.
   b) fqir.
   ċ) sinjur.
   d) surmast tal-banda.

38. "Tfajla toħlomx" hija
   a) rumanz.
   b) poeżija.
   ċ) dramm.
   d) novella.

39. Liema frażi tagħtik x'tifhem li x-xiħ kien qed jieħu gost bix-xarba?
   a) likwidu bajdani.
   b) bħal donnu jinnamra magħha.
   ċ) jitfa' ħarstu lejn il-bieb.
   d) ma deherx mgħaġġel.

40. Kelma oħra flok "jarmi dija". Agħżel waħda minn:
   a) nadif.
   b) imċajpar.
   ċ) jdallam.
   d) leqqien.

41. Jekk minn **għamel** nislet **nagħmlu** minn **lagħab** nislet
   a) nilgħabu.
   b) nigħlabu.
   ċ) nilagħbu.
   d) nilabgħu.

42. "Xofftejn" huwa għadd imtenni ta' "xoffa". Ta' "ġimgħa" l-għadd imtenni huwa:
   a) ġimagħtejn.
   b) żewġ ġimgħat.
   ċ) ġimgħatejn.
   d) ġmiegħi.

43. "Ċorma" tintuża ma' "baħrin". Ma' xiex norbtu "kejla"?
   a) Kappar.
   b) Fjuri.
   ċ) Frott.
   d) Patata.

44. Xi tfisser il-kelma "manuskritt"?
   a) Ktieb.
   b) Faxxiklu.
   ċ) Pitazz.
   d) Kitba bl-idejn.

45. Jekk "ilsna" hija plural miksur, liema nom minn dawn t'hawn taħt huwa wkoll plural miksur?
   a) Lapsijiet.
   b) Vapuri.
   ċ) Qtates.
   d) Subien.

46. Ir-raġel daħal fil-bar
   a) għax kien iħobb jixrob.
   b) għal ftit riflessjoni.
   ċ) għax ma kellux x'jagħmel.
   d) għax kien l-uniku wieħed miftuħ.

47. Liema minn dawn t'hawn taħt l-aktar li tiddeskrivi lit-tfajla?
   a) Fuq ruħha.
   b) Imdejqa.
   ċ) Ħajna.
   d) Belha.



3. Kien tgħallem isuq
   a) il-karozzin.
   b) il-karozzella.
   ċ) il-karozza.
   d) il-karrakka.

4. Kien jgħid "jien kelb tiegħi nnifsi" għax
   a) ma kienx sinjur.
   b) ma kienx jilgħab.
   ċ) ma kellux ħbieb.
   d) ma tgħallimx.

5. Ir-*rummy* u l-*poker* huma logħob
   a) ta' barra.
   b) tal-baħar.
   ċ) tal-ballun.
   d) tal-karti.

6. Dan-narratur kien joqgħod
   a) f'raħal.
   b) f'belt.
   ċ) f'palazz.
   d) f'villa.

7. NIKTEB u NAQRA huma verbi
   a) tar-Raba' Forma.
   b) tat-Tielet Forma.
   ċ) tat-Tieni Forma.
   d) tal-Ewwel Forma.

8. Il-**mamma** ta' XROBT hija
   a) xorb.
   b) jixrob.
   ċ) xarba.
   d) xorob.

9. L-**għerq** tal-kelma NASAL hu
   a) W-S-L.
   b) N-S-L.
   ċ) J-S-L.
   d) T-S-L.

10. TAN-NUNA kienet
   a) ġnien fejn ikun hemm it-tfal.
   b) skola primarja.
   ċ) post fejn jgħallmu d-duttrina.
   d) skola għat-tfal ċkejknin.

18. Kelma oħra li tfisser l-istess bħal **perit** hija
a) arkitett.
b) kavallier.
ċ) Gran Mastru.
d) pittur.

19. Il-missjoni prinċipali tal-Ordni kienet li
a) jirbħu artijiet fil-Mediterran.
b) jiddefendu r-reliġjon Nisranija.
ċ) jibnu l-knejjes f'Ruma.
d) jsebbħu 'l Malta.

20. Il-plural ta' **dawruha** huwa
a) dawwruhom.
b) dawruom.
ċ) dawwruwom.
d) dawruhom.

21. Il-verb fis-sentenza **L-Ingliżi ħadu t-treġija tal-gżira** huwa
a) t-treġija.
b) L-Ingliżi.
ċ) tal-gżira.
d) ħadu.

22. Minn barra, il-Konkatidral ta' San Ġwann jagħtik impressjoni li huwa
a) kunvent.
b) fortizza.
ċ) knisja.
d) maħżen.

23. L-għerq tal-verb **tiżżejjen** huwa
a) Ż_J_N
b) T_Ż_N_
ċ) T_Ż_J_N
d) T_Ż_Ż_J_N

24. Immarka l-kelma li hija **verb bil-pronom mehmuż** minn dawn:
a) internazzjonali.
b) tagħha.
ċ) jgawdihom.
d) jipproteġu.



25. Il-kelma Maltija li ġejja mit-Taljan hija
a) kampnar.
b) merfugħ.
ċ) ħerqana.
d) bini.

26. Il-kelma **privileġġi** hija
a) fil-plural.
b) fis-singular.
ċ) fil-kollettiv.
d) fl-għadd imtenni.

27. Il-plural ta' **xogħol** huwa
a) xogħolijiet.
b) xgħolijiet.
ċ) xogħolijit.
d) xogħlijiet.

28. Għand min għadda l-Konkatidral ta' San Ġwann meta telqu l-Kavallieri?
a) Il-Knisja Maltija.
b) Il-Gvernatur Ingliż.
ċ) Il-Franċiżi.
d) Il-Gvern Malti.

29. Agħżel minn dawn t'hawn taħt is-sentenza li **mhijiex tajba**:
a) Il-Kavallieri għamlu minn kollox biex ikollhom belt mill-aqwa.
b) Minn barra, il-Konkatidral ta' San Ġwann inbena fuq stil Barokk.
ċ) Il-pittur Mattia Preti ħa ħsieb iżejjen l-intern ta' San Ġwann.
d) Il-pjanti ta' San Ġwann saru minn perit Malti.

30. Jekk minn **refa'** nagħmlu **merfugħ**, minn **qata'** nagħmlu
a) maqtuħ.
b) maqtugħ.
ċ) mqatta'.
d) mqattgħa.

15 x 2 = **30 marka**

**AQLEB IL-PAĠNA**

## TAQSIMA Ċ

**Aqra s-silta sew u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA (minn 31 sa 50) li jsegwu:**

Ħares għal mument madwaru. Fil-bar ftit kien hemm nies. Ftit imwejjed u siġġijiet jittallbu lagħqa żebgħa.

*Mhux xi bar imfittex minn bosta klijenti* ħaseb.

Tant l-aħjar.

Hekk ikun jista' jagħmel il-kontijiet u jara x'wasslu f'dan l-istat f'ħajtu. Fir-rokna tal-lemin tiegħu dawl bati kien qiegħed jissendika qisu ħosbien koppja maqtugħa minn kollox u minn kulħadd. Ir-raġel kien jidher iżgħar sewwa minnu u hi ftit iżgħar. Kellha xeħta ta' barranija b'xagħar imġiegħed maqtugħ qasir u karnaġġjon ta' persuna nordika. Hu kien jidher li hu Malti. Idejh imqarba taħt il-mejda. Li kien qed jagħmel ma dejjaqhiex. Hu jinbixha u hi tkompli miegħu. U b'daħka ħarrieka kienet iġġagħlu jagħmel aktar arja.

*Jgħaddilhom!*

U reġa' ġie f'moħħu l-għalliem tal-Malti jisħaq fuq il-qerq tal-imħabba hu u jfehemhom "Tfajla Toħlomx". Ma setax jiftakar la isem il-poeta u lanqas isem l-għalliem. Ma kinux importanti għalih x'aktarx. Imma kienet laqtitu l-ironija tal-esperjenza. U ftakar li l-għalliem deher li jaf x'ried iwassal il-poeta. Tgħid kien għadda hu wkoll minn dik id-diżillużjoni? Tgħid hu kien ukoll falla?

Ma xtaqilhomx futur ikrah imma hu kien jaf li għad jaslu huma wkoll f'eta' fejn jagħmlu rendikont sewwa ħalli jaraw x'fadal mill-ħolm t'issa. Imma ħallih għalissa lil dal-ġuvnott jibni ħajtu madwar dil-Beatriċe ta' quddiemu. Ħalliha tpinġih il-kavallier tagħha fuq żiemel abjad jarmi d-dija. Almenu għalissa.

Tqaħqiħa min-naħa l-oħra tal-bar.

Tefa' ħarstu lejn il-ħoss u ra raġel taqtgħu madwar sebgħin sena li minn ħwejġu deher li xi darba kien benestant. Kien qiegħed iqalleb il-ġurnal li tħalla minn xi ħadd li kien hemm qablu. Kultant kien imiss it-tazza b'likwidu bajdani fiha ma' xufftejh bħal donnu jinnamra magħha u fl-istess waqt jixrob minnha sħana li biż-żmien kienet qiegħda tonqsu. U wara jerġa' jgħaddas rasu lura fil-ġurnal.

Ma deherx mgħaġġel. Bħalma huma l-ħafna tal-eta' tiegħu. Deher bħal qed jistenna lil xi ħadd għax kull tant ħin kien jitfa' ħarstu lejn il-bieb ta' barra. Forsi xi ħadd tamparu. Ukoll bla għaġġla bħalu. Forsi se jaqsmu flimkien għal xi ħin l-aħħar battuti tal-manuskritt tal-ħajja.

### Mistoqsijiet

31. L-azzjoni tas-silta sseħħ
    a) f'ambjent iffullat bin-nies.
    b) f'bar li ma kienx ikollu bosta klijenti.
    ċ) f'bar lussuż.
    d) f'restorant ta' klassi.



## TAQSIMA B

**Aqra s-silta sew u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA (minn 16 sa 30) li jsegwu:**

San Ġwann huwa l-qaddis protettur tal-Ordni tal-Kavallieri ta' Malta li lilu ddedikaw l-isbaħ tempju li qatt bnew f'900 mitt sena tal-istorja tagħhom u li ħallewhulna bħala ġojjell fil-patrimonju nazzjonali tagħna.

Ikkummissjonat fl-1572 mill-Gran Mastru Jean de la Cassiere bħala l-knisja konventwali tal-Ordni, u ddisinjat mill-bravu perit Malti Girolamo Cassar, il-Konkatidral ta' San Ġwann huwa monument uniku ta' importanza internazzjonali.

Il-Kavallieri kienu nies nobbli ġejjin mill-aktar familji importanti tal-Ewropa u l-missjoni tagħhom kienet li jipproteġu l-fidi Nisranija mill-attakki tal-Ottomani. Wara li rnexxielhom jiddefendu lil Malta fl-Assedju l-Kbir tal-1565, huma dawruha f'fortizza li kienet tixraq lil ordni militari filwaqt li bnew belt kapitali ġdida li tixraq lin-nobbli. Wieħed mill-aktar postijiet prestiġjużi fil-belt il-ġdida kien merfugħ għall-knisja tagħhom.

Il-bini fuq San Ġwann intemm fl-1577. Il-faċċata, nieqsa mid-dekorazzjoni, b'kampnar fuq kull naħa, għandha l-karattru ta' fortizza u tirrifletti l-ħsieb tal-Ordni ftit snin wara l-Assedju l-Kbir. Hekk kif fis-seklu sbatax beda dieħel l-istil artistiku tal-Barokk, il-Gran Mastru Cottoner ordna biex il-knisja minn ġewwa tkun iddekorata mill-ġdid skont dan l-istil.

Il-Kavallieri kienu ħerqana li jikkompetu mal-knejjes il-kbar ta' Ruma. Kienu huma li taw rigali ta' livell artistiku għoli biex tiżżejjen il-knisja b'xogħol l-aħjar artisti tal-perjodu. L-artist mill-Kalabrija, Mattia Preti, biddel il-knisja minn ġewwa f'ċelebrazzjoni tal-arti barokka. Dan joħloq kuntrast kbir bejn il-faċċata sempliċi u serja mal-istil aktar ferrieħi u festiv tal-Konkatidral minn ġewwa.

Nhar it-12 ta' Ġunju 1798, il-Kavallieri kellhom iċedu l-gżejjer Maltin lill-Ġeneral Napuljun Bonaparte, u kellhom jitilqu l-knisja konventwali tagħhom minn idejhom. Il-Franċiżi ċedew fl-1800 u l-Ingliżi ħadu t-treġija tal-gżejjer. L-istess privileġġi li kellu l-Ordni issa beda jgawdihom il-Gvernatur Ingliż, u wieħed minn dawn kien l-użu tal-Konkatidral ta' San Ġwann.

*Addattament minn artiklu ta' Clifford Galea ppublikat fuq sit elettroniku.*

### Mistoqsijiet

16. Kelma li turi li l-Konkatidral ta' San Ġwann huwa teżor kbir hija
    a) protettur.
    b) ġojjell.
    ċ) l-isbaħ.
    d) qaddis.

17. In-numru **900** jinkiteb
    a) disa mija.
    b) disgħa mijja.
    ċ) disa' mija.
    d) disa' mijiet.

Struzzjonijiet lill-kandidati

- **Dan l-eżami jikkonsisti minn TLIET taqsimiet: A, B u Ċ. Aqra sew kull silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA f'kull taqsima (hemm 50 mistoqsija b'kollox).**
- **Kull mistoqsija għandha erba' tweġibiet possibbli, imma WAĦDA biss hija korretta.**
- **Niżżel it-tweġibiet fuq l-*Answer Sheet* ipprovduta. Immarka BISS it-tweġiba t-tajba billi tuża l-lapes.**
  **eż. jekk tagħżel it-tweġiba C, imla ċ-ċirku t-tajjeb kif jidher hawn taħt.**

| 50. | (A) (B) (●) (D) |
|---|---|

- **Kull mistoqsija fiha żewġ (2) marki.**

## TAQSIMA A

**Aqra s-silta sew u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA (minn 1 sa 15) li jsegwu:**

Skola ħafna ma nafx. Iva li skartajt kemm skartajt, tgħallimt nikteb u naqra. Gazzetta għallinqas ma sservinix biex ingeżwer fiha biss. Imma s'hemm nasal. Lanqas tgħid kelli ħila nitħarreġ f'xi sengħa. Missigħat tilgħab ir-*rummy* u l-*poker* jew tħabbat il-ħbub, ma titgħallimx snajja'. Tgħallimt insuq il-karozza izjed għax ridt, bħal sħabi, inkun nista' nikri xi waħda meta nirbaħ jew niddobba xi erba' liri, u nrexxieli biss għax għerf ma tridx.

Kultant, hekk, meta nkun xrobt xi wieħed żejjed mingħajr madankollu ma nkun fis-sakra, ngħid min jaf xi lħaqt illum kieku tajtha għall-istudju? Ngħid li jien kelb tiegħi nnifsi, għax anki jekk konna fqar, nitgħallem stajt. Minn familji bħali fir-raħal tagħna, tlieta li konna mmorru tan-nuna flimkien saru wieħed avukat, l-ieħor tabib, u t-tielet qassis: u lil dan diġà qegħdin isemmuh għal monsinjur. Li rsistejt, xi ħaġa ma kontx insir jien ukoll? Dal-ħsieb iġegħelni ngħid "Kelb! Kelb!" u nerġa' nixrob.

*Lino Spiteri, Il-Ħalliel u stejjer oħra, 1981.*

Mistoqsijiet

1. In-narratur kien jiskarta
   a) mill-iskola.
   b) mix-xogħol.
   ċ) mill-ħbieb.
   d) mil-logħob.

2. Il-gazzetta kienet isservih biex
   a) jikteb.
   b) jaqra.
   ċ) jitħarreġ.
   d) igeżwer.



48. Il-ġuvni
   a) kien qed iħossu imbarazzat bl-attitudni tat-tfajla.
   b) kien qed iħossu indifferenti.
   ċ) kien qed jieħu gost bl-avvanzi tat-tfajla.
   d) iktar kien moħħu fix-xorb li kien qed jixrob.

49. Waħda minn dawn t'hawn hi żbaljata. Liema hi?
   a) Min qed jirrakkonta ftakar isem l-għalliem.
   b) Min qed jirrakkonta ma ftakarx isem il-poeta.
   ċ) Min qed jirrakkonta kien diżilluż bl-imħabba.
   d) Min qed jirrakkonta laqtitu l-esperjenza tal-poeta.

50. Jekk ngħidu "pala tal-id" liema kelma minn dawn li ġejjin nużaw għal "sieq"?
   a) Kappell.
   b) Qasba.
   ċ) Galletta.
   d) Qorriegħa.

20 x 2 marki = **40 marka**

**TOTAL: 100 MARKA**

PAĠNA VOJTA



# EŻAMI GĦALL-INGAĠĠ TA' SULDATI

# FIL-FORZI ARMATI TA' MALTA

EXAMINATIONS
0 6 AUG 2019
DEPARTMENT

IL-MALTI

ĦIN: SIEGĦA